MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 196/2010

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi hija zzewget lil C B nhar is-16 ta’ Jannar 1992.

Illi miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal: D E ta’ 17-il sena, F ta’ 12-il sena u G ta’ 10 snin.

Illi l-hajja matrimonjali bejnha u bejn zewgha tfarrket irrimedjabilment minhabba vjolenza, ingurji gravi, sevizzi, adulterju u molestja da parti ta’ zewgha konvenut.

Illi l-konvenut anke ha t-tfal mieghu bil-forza u bl-ebda mod ma jridha tarahom.

Illi peress li m' hemmx cans ghal rikonciljazzjoni.

Illi peress illi din l-Onorabbli Qorti tat l-awtorizzazzjoni taghha lill-attrici sabiex tkun tista' tipprocedi b' kawza ta' separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 540/10 fl-atti ta' l-ittra nru: 1061/09.

Ghaldaqstant jghid l-intimat C B ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-istess intimat.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri D E, F u G lill-attrici;

3. Takkorda lilha u lit-tlett uliedha dak il-manteniment li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

5. Tiddividi u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata lill-partijiet kif jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

6. Tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li, filwaqt li hu qed jaghti ruhu b' notifikat bil-proceduri odjerni, l-azzjoni hija dezerta ai termini ta' l-artikolu 963 tal-Kap.12, stante d-dekors tal-perijodu ta' sitt xhur minn meta gie ntavolat ir-rikors guramentat promotur, u stante l-fatt li bil-prezenti risposta nghalqu l-proceduri bil-miktub;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2011, li ghaliha l-konvenut m' attendhiex, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-attur fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2011, li ghaliha l-konvenut ma attendhiex;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq id-dispsot ta' l-artikolu 963 tal-Kap.12 li jikkontempla d-dezerzjoni tal-proceduri f' dawk il-kazijiet li fihom il-proceduri bil-miktub, quddiem qorti ta' l-ewwel grad, ma jkunux inghalqu fiz-zmien sitt xhur.

Illi in vena legali, il-Qorti ticcita dak li qalet din il-Qorti [diversament presjeduta] fil-kawza *Distinct Conversions Limited vs Joseph u Agnes mizzewwgin Fasanelli*, liema bran gie citat, b' approvazzjoni, mill-Qorti ta' l-Appell[1] fil-kawza fl-istess ismijiet: "l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur [jew appellant] li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-proceduri mibdija minnu, izda mhuwiex mahseb la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntamnet tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur [jew appellant, skond il-kaz] minhabba htigijiet amministrattattivi tal-Qorti."

B' applikazzjoni ta' dan il-principju, il-qrati nterpretaw l-artikolu 963[2] b' mod aktar wiesa' mit-termini espressi tieghu, "u dan biex ma tinholoqx xi forma gdida ta' ngustizzja fejn certament m' hemmx lokha."[2], u ghalhekk il-gurisprudenza mxiet fid-direzzjoni li z-zmien tas-sitt xhur jibda jiddekorri minn "meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jun ghall-ewwel smiegh."

"Gie ritenut ukoll li d-dezerzjoni timporta rinunzja ta' l-atti. Fil-verita' ghall-precizjoni il-ligi tipprovdi li r-rinunzja ggib l-

[1] 31.01.2003
[2] Ibid.

istess effetti tad-dezerzjoni" [App. Formosa vs Mifsud – 26.02.1999]. Ukoll, "jekk l-appellant ma jipprokurax li jinnotifika lill-appellat jew appellanti fi zmien perentorju ta' sena, l-appell jigi dikjarat dezert ghax l-appellant ikun prezunt li rrinunzja ghall-atti." [App. Borg vs Salamone – 28.02.1994].[3]

Inoltre, il-legislatur stess fis-sub-inciz [3] jaghti l-fakolta' lill-Qorti biex, anke fil-kazijiet fejn il-perijodu preskritt ikun skada qabel ma jkunu nghalqu l-proceduri bil-miktub, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa *"in order to avoid that such cause be deserted by reason of some failure to notify or by reason of the failure of performance of a procedure or formality."*

Illi fil-kaz in dizamina, ir-rikors guramentat, prezentat fid-9 ta' Gunju 2010, gie appuntat ghas-smiegh fis-16 ta' Gunju 2010.

L-attrici pprovat nutilment tinnotifika lill-konvenut fid-9 ta' Gunju 2010, fil-21 ta' Jannar 2011 u fit-18 ta' Marzu 2011. Fis-7 ta' April 2011 saret l-affissjoni kif awtorizzata mill-Qorti, bir-rizultat li fil-11 ta' April 2011 il-konvenut ipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Illi, f' dan il-kaz, ghalkemm skada l-perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha l-kawza giet appuntata ghas-smiegh, sad-data tar-risposta guramentata, izda l-attrici minn naha taghha ghamlet diversi tentattivi sabiex tinnotifika lill-konvenut bl-atti tal-kawza, u l-fatt li ma rnexxielhiex tinnotifika lill-konvenut fiz-zmien preskritt mill-ligi m' ghandux jkun ta' pregudizzju ghaliha billi tinkorri fis-sanzjoni tad-dezerzjoni. Ma jistax validament jitqies li rrinunzja ghall-atti tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni, bl-ispejjez.

---

[3] Sottolinear tal-Qorti

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------